32003R0807

L 122/36 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 16.5.2003

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 807/2003 ta' l-14 ta' April 2003 li jaddatta, għad-Deċiżjoni 1999/468/KE, id-disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kumitati li jassistu l-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha stabbiliti fi strumenti tal-Kunsill adottati skond il-proċedura ta' konsultazzjoni (unanimità)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 93, 94, 269, 279 u 308 tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Wara li kkonsulta mal-Qorti ta' l-Awdituri dwar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji stess li jiġu mit-taxxa tal-valur miżjud ([4]),

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([5]) issostitwiet id-Deċiżjoni 87/373/KEE ([6]).

(2) Skond id-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ([7]) dwar id-Deċiżjoni 1999/468/KE, id-disposizzjonijiet li jirrigwardaw il-kumitati li jassistu l-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha, previsti fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 87/373/KEE, għandhom jiġu adattati biex jiġu allinjati mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 3, 4 u 5 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(3) Id-dikjarazzjoni fuq imsemmija tindika l-metodi biex jiġu adattati l-proċeduri ta' kumitati, li għandu jkun awtomatiku sakemm dan ma jaffettwax in-natura tal-kumitat previst fl-att bażiku.

(4) Il-limiti ta' żmien stabbiliti fid-disposizzjonijiet li għandhom jiġu adattati għandhom jibqgħu fis-seħħ. Kull fejn ma jkunx hemm limitu ta' żmien speċifiku għall-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni, l-limitu ta' żmien jiġi ffissat għal tliet xhur.

(5) Id-disposizzjonijiet ta' l-istrumenti li jipprovdu għar-rikors għall-proċedura ta' kumitat tat-tip I stabbilita bid-Deċiżjoni 87/373/KEE għandhom għalhekk jiġu sostitwiti b'disposizzjonijiet li jirreferu għall-proċedura ta' konsultazzjoni stabbilita fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(6) Id-disposizzjonijiet ta' l-istrumenti li jipprovdu għar-rikors għall-proċeduri ta' kumitat tat-tip IIa u IIb stabbiliti bid-Deċiżjoni 87/373/KEE għandhom jiġu sostitwiti b'disposizzjonijiet li jirreferu għall-proċedura ta' amministrazzjoni stabbilita fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE

(7) Id-disposizzjonijiet ta' l-istrumenti li jipprevedu rikors għall-proċeduri tal-kumitat tat-tip IIIa u IIIb stabbiliti bid-Deċiżjoni 87/373/KEE għandhom jiġu sostitwiti b'disposizzjonijiet li jirreferu għall-proċedura regolatorja stabbilita fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE

(8) Dan ir-Regolament jimmira biss għall-allinjament ta' proċeduri tal-kumitati. L-isem tal-kumitat rigward dawn il-proċeduri ġie emendat, fejn hu xieraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Rigward il-proċedura ta' konsultazzjoni, l-istrumenti elenkati fl-Anness I għandhom jiġu adattati, skond dak l-Anness, biex isegwu d-disposizzjonijiet korrispondenti tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

([1]) ĠU C 75 E, tas-26.3.2000, p. 448.
([2]) Opinjoni tal-11 ta' Marzu 2003 (għad ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU C 241, tas-7.10.2002, p. 128.
([4]) ĠU L 155, tas-7.6.1989, p. 9.
([5]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.
([6]) ĠU L 197, tat-18.7.1987, p. 33.
([7]) ĠU C 203, tas-17.7.1999, p. 1.

*Artikolu 2*

Rigward il-proċedura ta' tmexxija, l-istrumenti elenkati fl-Anness II għandhom jiġu adattati, skond dak l-Anness, biex isegwu d-disposizzjonijiet korrispondenti tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

*Artikolu 3*

Rigward il-proċedura regolatorja, l-istrumenti elenkati fl-Anness III għandhom jiġu adattati, skond dak l-Anness, biex isegwu d-disposizzjonijiet korrispondenti tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

*Artikolu 4*

Ir-referenzi għad-disposizzjonijiet ta' l-istrumenti fl-Annessi I, II u III għandhom jitqiesu li huma referenzi għal dawk id-disposizzjonijiet kif adattati b'dan ir-Regolament.

Ir-referenzi magħmula, f'dan ir-Regolament, għall-ismijiet ta' qabel ta' kumitati għandhom jitqiesu li huma referenzi għall-ismijiet ġodda.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament jibda' jseħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-14 ta' April 2003.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. GIANNITSIS

*ANNESS I*

## IL-PROĊEDURA KONSULTATTIVA

Il-Lista ta' l-istrumenti li jidħlu fil-proċedura konsultattiva addattata għad-disposizzjonijiet korrispondenti tad-Deċiżjoni 1999/468/KE skond l-emendi li ġejjin:

1. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar l-istandardizzazzjoni fl-kamp tat-teknoloġija ta' l- informatika u t-telekomunikazzjonijiet ([1]).

   L-Artikolu 7 (1) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

   „1. (a) Fis-segwiment tagħha ta' għanijiet u l-ġestjoni tagħha ta' l-attivitajiet stabbiliti b'din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat, imsejjaħ 'il-Grupp ta' l-Uffiċjali Anzjani dwarm l-istandardizzazzjoni fil kamp tat-Teknoloġija ta' l-Informatika'.

   Rigward kwistjonijiet tat-telekomunikazzjonijiet il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill kumitatimsejja' 'il-Grupp ta' l-Uffiċjali Anzjani tat-Telekomunkazzjonijiet' riferit fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 86/361/EEC.

   (b) Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (*).

   ___

   (*) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23."

2. Ir-Regolament tal-Kunsill (tal-KEE, u l-*Euratom*) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir mir-riżorsi nfushom li jidħol mit-taxxa tal-valur miżjud ([2]).

   L-Artikolu 13 (*) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "4. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE."

   Għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

   "6. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura."

---

(*) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

([1]) ĠU L 36, tas-7.2.1987, p. 31.

([2]) ĠU L 155, tas-7.6.1989, p. 9. Regolament kif emendat bir-Regolament (tal-KE,u l-*Euratom*) Nru 1026/1999 (ĠU L 126, tal-20.5.1999, p. 1).

*ANNESS II*

**IL-PROĊEDURA TAL-ĠESTJONI**

IL-lista ta' l-istrumenti li jidhlu fil-proċedura tal-ġestjoni addattata għad-disposizzjonijiet korrispondenti tad-Deċiżjoni 1999/468/KE skond l-emendi li ġejjin:

1. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3906/89 tat-18 ta' Diċembru 1989 dwar il-għajnuna ekonomika lil ċerti pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant ([1]).

L-Artikolu 9 għandu jiġi mibdul mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

1. Il-Kummisjoni għandha tkun assistita minn kumitat riferit bħala l-kumitat tal-għajnuna għar-ristrutturazzjoni ekonomika fil-pajjiżi riferiti fl-Artikolu 1. Ossevatur mill-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandu jieħu sehem fil-proċedimenti tal-kumitat li jinteressaw lill-Bank.

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ([*]).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 4 ([1]) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal sitt ġimgħat.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

---

([*]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.
([1]) ĠU L 7, tat-13.1.1999, p. 16."

2. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/21/KE, *Euratom* ta' l-14 ta' Diċembru 1998 li tadotta programm qafas multiannwu għall-azzjonijit fis-settur ta' l-enerġija (1998-2002) u miżuri konnessi miegħu(3).

L-Artikolu 4 (2) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2.(a) Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat fil-ġestjoni ta' dan il-programm qafas.

(b) Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ([*]).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

(ċ) Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.'

---

([*]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23."

---

([1]) ĠU L 375, tat-23.12.1989, p. 11. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2500/2001 (ĠU L 342, tas-27.12.2001, p. 1).

*ANNESS III*

## IL-PROĊEDURA REGOLATORJA

Il-Lista ta' l-istrumenti li jidħlu fil-proċedura regolatorja addattati għad-disposizzjonijiet korrispondenti tad-Deċiżjoni 1999/468/KE skond l-emendi li ġejjin:

1. Id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-klassifika, il-pakkeġġjar u l-għoti tat-tikketti tas-sustanzi perikolużi (1).

   Fl-Artikolu 27(2), għandhom jitħassru t-termini tal-paragrafu (4)(a).

   L-Artikolu 29 għandu jiġi mibdul b'dan li gej:

   "*Artikolu 29*

   1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat.

   2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (*).

   Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

   3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

   (*) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23."

2. Id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tip ta' l-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom (2).

   L-Artikolu 13 għandu jiġi emendat kf ġej:

   (a) Il-paragrafu 1 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat imsejjaħ 'il-Kumitat ta' l-Addattament għall-Progress Tekniku'."

   (b) Il-paragrafu 3 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "3. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (*).

   Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandsu jiġi ffissat għal tliet xhur.

   (*) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23."

   (ċ) Għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

   "6. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura."

(1) ĠU 196, tas-16.8.1967, p. 1. Direttiva emendata bid-Direttiva tal-Kummisjoni 2001/59/KE (ĠU L 255, tal-21.8.2001, p. 1).
(2) ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1. Direttiva emendata bid-Direttiva tal-Kummisjoni 2001/116/KE (ĠU L 18, tal-21.1.2001, p. 1).

3. Id-Direttiva tal-Kunsill 70/373/KEE tal-20 ta' Lulju 1970 dwar l-introduzzjoni ta' metodi Komunitarji għat-teħid tal-kampjuni u l-analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-għalf (1).

L-Artikolu 3 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilit bl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 (*).

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (**).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

(*) ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.
(**) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23."

4. Id-Direttiva tal-Kunsill 71/118/KEE tal-15 ta' Frar 1971 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-laħam frisk tat-tjur (2).

L-Artikolu 21 għandu jigi mibdul b'dan li gej:

"*Artikolu 21*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilit bl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 (*).

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (**).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli iegħu ta' proċedura.'

(*) ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.
(**) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23."

5. Id-Direttiva tal-Kunsill 71/316/KEE tas-26 ta' Lulju 1971 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-disposizzjonijiet komuni kemm għall-istrumenti tal-kejl u kemm għall-metodi tal-kontroll metroloġiku (3).

L-Artikolu 7(2) għandu jitħassar.

L-Artikolu 18 għandu jigi mibdul b'dan li gej:

"*Artikolu 18*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat ta' l-Aġġustament tad-Direttivi għall-Progress Tekniku riferiti fl-Artikolu 16.

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (*).

(1) ĠU L 170, tat-3.8.1970, p. 2. Direttiva kif emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1994.
(2) ĠU L 55, tat-8.3.1971, p. 23. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 97/79/KE (ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31).
(3) ĠU L 202, tas-6.9.1971, p. 1. Direttiva kif emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1994.

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

(*) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23."

6. Id-Direttiva tal-Kunsill 72/461/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fil-laħam frisk ([1]).

L-Artikolu 9 għandu jiġi mibdul mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilit bl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 (*).

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Arttikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (**).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal 15-il jum.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

(*) ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.
(**) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23."

7. Id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/EEC tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar il-problemi tas-saħħa u ta' l-ispezzjon veterinarju rigward l-importazzjoni tal-bhejjem tal-fart, tan-nagħaġ u tal-mogħoż u tal-ħnieżer, il-laħam frisk u l-prodotti mill-laħam mill-pajjiżi terzi ([2]).

L-Artikoli 29 u 30 għandhom jiġu mibdula b'dan li ġej:

"*Artikolu 29*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina ta l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali sabbilit bl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 (*).

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (**).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jaddotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

*Artikolu 30*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali.

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal 15-il jum.

(*) ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.
(**) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23."

([1]) ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 24. Direttiva emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1994.
([2]) ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28. Direttiva emendata bir-Regolament (KE) Nru 1452/2001 (ĠU L 198 tal-21.7.2001, p. 11).

8. Id-Direttiva tal-Kunsill 73/361/KEE tad-19 ta' Novembru 1973 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet, ir-Regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu maċ-ċertifikazzjoni u l-għoti tal-marka tal-ħbula tal-wajer, il-ktajjen u l-ganġijiet ([1]).

L-Artikoli 4(2) għandu jitħassar.

L-Artikolu 5 għandu jigi mibdul b'dan li gej:

"*Artikolu 5*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat ta' l-aġġustament għall-progress tekniku tad-Direttivi li jinteressaw l-eliminazzjoni ta' l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ fl-apparat u t-tagħmir tar-rfigħ.

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (*).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

---

(*) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23."

9. Id-Direttiva tal-Kunsill 73/404/KEE tat-22 ta' Novembru 1973 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-deterġenti ([2]).

L-Artikolu 7a(2) għandu jitħassar.

L-Artikolu 7b għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Article 7b*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumiat ta' l-addattament għall-progres tekniku tad-Direttivi għalbiex jitneħħew l-ostakoli għall-kummerċ fis-settur tad-deterġenti.

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (*).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

---

(*) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23."

10. Id-Direttiva tal-Kunsill 73/437/KEE tal-11 ta' Diċembru 1973 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw ċertu zokkor maħsub għall-konsum mill-bniedem ([3]).

L-Artikolu 12 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 12*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilit bl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 (*).

---

([1]) ĠU L 335, tal-5.12.1973, p. 51. Direttiva emendata bid-Direttiva 91/368/KEE (ĠU L 198, tat-22.7.1991, p. 16).

([2]) ĠU L 347, tas-17.12.1973, p. 51. Direttiva emendata bid-Direttiva 86/94/KEE (ĠU L 80, tal-25.3.1986, p. 51).

([3]) ĠU L 356, tas-27.12.1973, p. 71. Direttiva revokata b'effett mit-12 ta' Lulju 2003 bid-Direttiva 2001/111/KE (ĠU L 10, tat-12.1.2002, p. 53).

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (**).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

(*) ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.
(**) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23."

11. Id-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE ta' l-4 ta' Marzu 1974 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġjiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni skond it-tip tal-vetturi agrikoli u tal-forestrija tal-ġbid bir-roti ([1]).

L-Artikolu 12(2) għandu jithassar.

L-Artikolu 13 għandu jigi mibdul b'dan li gej:

"*Artikolu 13*

1. Il-Kummisjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat ta' l-Addattament tad-Direttivi għall-Progress Tekniku dwar it-Tneħħija ta' l-Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ fis-Settur tal-Vetturi tal-Ġbid Agrikoli u tal-Forestrija.

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw id-Direttivi 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (*).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

(*) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23."

12. Id-Direttiva tal-Kunsill 74/409/KEE tat-22 ta' Lulju 1974 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-għasel ([2]).

L-Artikolu 10 għandu jigi mibdul b'dan li gej:

"*Artikolu 10*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilit bl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 (*).

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom applikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (**).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

(*) ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.
(**) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23."

([1]) ĠU L 84, tat-28.3.1974, p. 10. Direttiva emendata bid-Direttiva 2001/3/KE (ĠU L 28, tat-30.1.2001, p. 1).
([2]) ĠU L 84, tat-12.8.1974, p. 10. Direttiva revokata b'effett mill-1 ta' Lulju bid-Direttiva 2001/110/KE (ĠU L 10, tat-12.1.2002, p. 47).

13. Id-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE tal-20 ta' Mejju 1975 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-dispensuri ta' l-ajrusoli ([1]).

L-Artikolu 6(2) għandu jitħassar.

L-Artikolu 7 għandu jigi mibdul b'dan li gej:

"*Artikolu 7*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat ta' l-Addattamet tad-Direttivi għall-Progress Tekniku dwar id-dispensuri ta' l-ajrusol.

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/LE (*).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

(*) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23."

14. Id-Direttiva tal-Kunsill 76/895/KEE tat-23 ta' Novembru 1976 li għandha x'taqsam mal-fissar tal-livelli massimi tal-fdalijiet tal-pestiċidi fi u fuq il-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel ([2]).

L-Artikoli 7, 8 u 8a għandhom jiġu mibdula b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilit bl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 (*).

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/EC (**).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jaddotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

*Artikolu 8*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali.

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal 15-il jum.

*Artikolu 8a*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat.

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

([1]) ĠU L 147, tad-9-6.2.1975, p. 40.
([2]) ĠU L 340, tad-9.12.1976, p. 26. Direttiva emendata bid-Direttiva 2002/79/KE (ĠU L 291, tat-28.10.2002, p. 1).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

(*) ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.
(**) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23."

15. Id-Direttiva tal-Kunsill 76/160/KEE tat-8 ta' Diċembru 1975 li tirrigwarda l-kwalità ta' l-ilma tal-banjijiet ([1]).

L-Article 10(2) għandu jitħassar.

L-Artikolu 11 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 11*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat ta' l-Addattament għall-Progress Tekniku.

2. Meta jsir riferment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (*).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

(*) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23."

16. Id-Direttiva tal-Kunsill 76/116/KEE tat-18 ta' Diċembru 1975 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-ferilizzanti ([2]).

L-Artikolu 10(2) għandu jitħassar.

L-Artikolu 11 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 11*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat li jaġġusta għall-progress tekniku dawk id-Direttivi li jirrigwardaw l-abolizzjoni tax-xkilijiet tekniċi għall-kummerċ fil-fertilizzanti.

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/EC (*).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

(*) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23."

([1]) ĠU L 31, tal-5.2.1976, p. 1. Direttiva emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-1994.
([2]) ĠU L 24, tat-30.1.1976, p. 21. Direttiva emendata bid-Direttiva 98/97/KE (ĠU L 18, tat-23.1.1999, p. 60).

17. Id-Direttiva tal-Kunsill 76/117/KEE tat-18 ta' Diċembru 1975 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw it-tagħmir elettriku għall-użu f'atmosferi potenzalment splussivi ([1]).

L-Artikolu 6(2) għandu jitħassar.

L-Artikolu 7 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat ta' l-addattament għall-progress tekniku tad-Direttivi dwar it-tneħħija tax-xkilijiet tekniċi għall-kummerċ fit-tagħmir elettriku għall-użu f'atmosferi potenzalment splussivi.

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ([*]).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

---

([*]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23."

18. Id-Direttiva tal-Kunsill 76/118/KEE tat-18 ta' Diċembru 1975 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' ċertu ħalib ippriservat iddeidrat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu għall-konsum mill-bniedem ([2]).

L-Artikolu 12 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 12*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilit bl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 ([*]).

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ([**]).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

---

([*]) ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.
([**]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23."

19. Id-Direttiva tal-Kunsill 76/621/KEE tal-20 ta' Lulju 1976 li għandha x'taqsam mal-fissar tal-livell massimu ta' l-aċidu eruċiku fiż-żjut u x-xaħmijiet maħsuba bħala ta' hekk għall-konsum mill-bniedem u fl-oġġetti ta' l-ikel li jkun fihom iż-żjut jew ix-xaħmijiet miżjuda ([3]).

L-Artikolu 5 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilit bl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 ([*]).

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ([**]).

---

([1]) ĠU L 24, tat-30.1.1976, p. 45. Direttiva revokata b'effett mill-1 ta' Lulju 2003 bid-Direttiva 94/9/KE (ĠU L 100, tad-19.4.1994, p. 1).
([2]) ĠU L 24, tat-30.1.1976, p. 49. Direttiva revokata b'effett mill-1 ta' Lulju 2003 bid-Direttiva 2001/114/KE (ĠU L 15, tas-17.1.2002, p. 19).
([3]) ĠU L 202, tat-28.7.1976, p. 35. Direttiva kif l-aħħar emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1994.

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

(*) ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.
(**) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23".

20. Id-Direttiva tal-Kunsill 76/767/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-disposizzjonijiet komuni għar-reċipjenti tal-pressa u l-metodi ta' l-ispezzjon tagħhom ([1]).

L-Artikolu 19(2) għandu jitħassar.

L-Artikolu 20 għandu jigi mibdul b'dan li gej:

"*Artikolu 20*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitat li jaddatta għall-progress tekniku d-Direttivi li jirrigwardaw l-eliminazzjoni tax-xkilijiet tekniċi fil-kummerċ fir-reċipjenti tal-pressa.

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (*).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

(*) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23".

21. Id-Direttiva tal-Kunsill 77/96/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar l-eżaminazzjoni tat-triniki (*trinichella spiralis*) ma' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi tal-laħam frisk idderivat mill-ħnieżer domestiċi ([2]).

L-Artikolu 9 għandu jiġi mibdul mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilit bl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 (*).

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (**).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

(*) ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.
(**) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23".

([1]) ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 153. Direttiva kif l-aħħar emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1994.
([2]) ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 67. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 94/59/KE (ĠU L 315, tat-8.12.1994, p. 18).

22. Id-Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fil-prodotti mil-laħam (1).

L-Artikolu 20 għandu jigi mibdul b'dan li gej:

"*Artikolu 20*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilit bl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 (*).

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (**).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

(*) ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.
(**) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23".

23. Id-Direttiva tal-Kunsill 77/504/KEE tal-25 ta' Lulju 1977 dwar il-bhejjem tar-razza għat-tnissil ta' l-ispeċje ta' l-ifrat (2).

L-Artikolu 8 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti taz-Zooteknika istitwit bid-Deċiżjoni 77/505/KEE (*).

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (**).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

(*) ĠU L 206, tat-12.8.1977, p. 11.
(**) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23".

24. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/795/KEE tat-12 ta' Diċembru 1977 li tistabbilixxi proċedura komuni għall-iskambju tat-tagħrif dwar il-kwalità ta' l-ilma tal-wiċċ fil-Komunità (3).

L-Artikolu 7(2) għandu jitħassar.

L-Artikolu 8 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitat ta' l-addattament ta' din id-Deċiżjoni għall-progress tekniku.

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (*).

(1) ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 85. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/76/KE (ĠU L 10, tas-16.1.1998, p. 25).
(2) ĠU L 206, tat-12.8.1977, p. 8. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 94/28/KE (ĠU L 178, tat-12.7.1994, p. 66).
(3) ĠU L 334, ta' l-24.12.1977, p. 29. Deċiżjoni revokata b'effett mit-23 ta' Ottubru 2007 bid-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 327, tat-22.12.2000, p. 1).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

(*) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23".

25. Id-Direttiva tal-Kunsill 78/25/KEE tat-12 ta' Diċembru 1977 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-materji tal-kulur li jistgħu jiġu miżjuda mal prodotti mediċinali ([1]).

L-Artikolu 5(2) għandu jitħassar.

L-Artikolu 6 għandu jigi mibdul b'dan li gej:

*"Artikolu 6*

